MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-22 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 366/2005

**Aplan Limited C2450**

**Vs**

**Antoine u Lisa konjugi Ellul**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici  ghall-kundanna tal-konvenuti solidalment bejniethom ghall-hlas tas-somma tlett elef mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm3,124.46) lis-socjeta’ attrici, liema somma tirraprezenta bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija debitament mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti, kif jirrizulta fil-kors tal-kawza.

Bl-interessi legali mid-data tal-konsenja, u bl-ispejjez legali, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datati 23 ta’ Frar u 11

ta’ Marzu 2005, kontra l-konvenuti, li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota ta’ cessjoni tal-istess socjeta’ attrici li biha cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza waqt li zammet ferm fuq il-kap ta’ l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegebu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-13 ta’ Frar 2006 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu ta’ din il-kawza, tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-23 ta’ Frar 2005 u tal-11 ta’ Marzu 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------